Minuti tad-69 (disgħa u sittin) Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.45p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Joseph Farrugia

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 66, li saret nhar it-Tnejn 30 t'April 2012, tal-Laqgħa *ad hoc* numru 67 li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Mejju u tal-Laqgħa *ad hoc* numru 68, li saret nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2012 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħalha moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 19/2012: Mistoqsija Parkamentari Nru. 34124 rigward kemm huma l-*playing fields* li għandhom CCTV System operabbli.

3.1.2 Memo 20/2012: Mistoqsija Parlamentari Nru. 34254 rigward jekk fil-Kunsilli ta' Malta u Għawdex hemmx impjegati jiġu minn xulxin li jaħdmu fl-istess Kunsill.

3.1.3 Memo 21/2012: Proċedura Addottata għat-Tweġibiet għal Mistoqsijiet Parlamentari.

3.1.4 Memo 22/2012: Ittra lill-Kunsilli Lokali rigward Ħsarat jew Ilmenti lill-Enemalta u Proposti għal Lampi Ġodda.

3.1.5 Memo 23/2012: Mistoqsija Parlamentari Nru. 34881 rigward kemm kien hemm talbiet minn Kunsilli Lokali, bejn April 2011 u April 2012, biex jiġu stabiliti *parking areas* bi ħlas fil-lokalitajiet tagħhom.

### 3.2 Korrispondenza


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.1 Ittra mingħand il-familja ta' Sr. Ċelestina Ċini biex tirringrazzja lill-Kunsill tas-sogħba li wrew magħhom għall-mewt ta' Sr. Ċelestina Ċini.

3.2.2 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Attività ta' informazzjoni għall-Anzjani għal dawk il-Kunsilli li għandhom iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani.

3.2.3 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Istedina għal Konferenza Imaġina 18 li ser issir fit-30 u fil-31 ta' Mejju 2012.

3.2.4 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ir-Rapport fuq ir-Relazzjoni tal-Kummissjoni ta' Inkjesta fuq l-Aċċidenti fil-Kmamar tan-Nar.

3.2.5 Email mingħand is-Sur Pio Farrugia, Dipartiment tal-Gvern Lokali, rigward l-allokazzjoni tal-PPP.

3.2.6 Risposta tal-Kunsill Lokali il-Fontana lis-Sur Pio Farrugia, Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward toroq lesti minn kollox PPP, Proġetti Pilota u Allokazzjoni biex tinforma li fuq l-istess parir li kien ta d-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill kien intalab biex joħroġ sejħa għall-Offerti regolari tal-Kunsill u li kien imwiegħed li xorta kien ser jingħata flus biex isiru dawn iż-żewġ toroq.

3.2.7 Email mingħand is-Sur Joe Tabone, Kap, Monitoring Unit, Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-*Fixed Asset Registry* tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament illi għandha toħroġ Sejħa għall-Kwotazzjoni biex titqabbad Accountant biex tkun tista' taġġorna dan ir-Reġistru.

3.2.8 Email mingħand is-Sinjorina Christiana Azzopardi, Dipartiment tal-Propjetà tal-Gvern rigward *Devolution of Sites*.

3.2.9 F'risposta għal-ittra li ntabagħtet mis-Sindku rigward it-tibdil fir-rotot tal-Arriva fejn intqal hekk, *"Onor. Ministru*

*Qieghed naghmel referenza ghall-bidliet li saru fir-rotot tal-Arriva li ser jidhlu fis-sehh nhar is-27 ta' Mejju 2012. Nixtieq ninfurmak li minn meta thabbru dawn ir-rotot il-godda, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ircieva numru ta' lmenti mir-residenti ghall-fatt li r-rotta 306 sar xi bdil fiha bil-konsegewnza illi is-servizz tat-trasport pubbliku, mhux ser jibqa' jghaddi mill-Fontana fid-direzzjoni tax-Xlendi (li ilu fis-sehh ghal ghexieren ta' snin sa mit-twaqqif tat-trasport pubbliku f'Ghawdex), izda ser jibda jghaddi mill-Munxar. Dan ifisser illi r-residenti tal-Fontana ser jibda jkollhom jitilghu il-belt Victoria, uhud minnhom anke mixja ta' madwar kilometru ghat-telgha minn hdejn l-Ghejjun, biex ikunu jistghu jinzlu x-Xlendi. Dan il-bdil fir-rotta 306 zgur li ser johloq inkonvenjent lir-residenti tal-Fontana, specjalment lill-anzjani.*

*Qieghed inressaq dan l-ilment anke ghall-fatt li skond l-ahbarijiet tal-PBS dan il-bdil fir-rotot sar wara konsultazzjoni intensiva mal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill jichad li hu qatt gie kkonsultat dwar dan il-bdil fir-rotot ghaliex kieku il-Kunsill zgur li qatt ma kien jaccetta li jsir dan il-bdil. Il-Kunsill m'ghandu ebda oggezzjoni li jsir servizz gdid, izda mhux ghad-detriment li jitnehha s-servizz ta' haddiehor".*

l-Hon. Austin Gatt, Ministru għall-Infrastruttura, Teknoloġija u Komunikazzjoni rigward qal li it-tibdil qed ifisser li s-servizz ċirkolari Rabat-Munxar-Xlendi-Fontana-Rabat se jkun aktar frekwenti b'servizz kull 45 minuta. Il-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borg informa lill-Membri li hu kellem lis-Sindku tal-Munxar dwar dan is-servizz u li hu qabel li dan is-servizz ikun


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

nofs b'nofs. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap qal li s-Sindku tal-Munxar, jgħid x'jgħid u jagħmel x'għamel, ir-residenti tal-lokalita tiegħu ggwadanjaw għad-detriment tar-residenti tal-Fontana. Is-Sindku s-Sur Saviour Borg qal li dan kien l-istess kliem li qallu s-Sur Ruben Said ta' Transport Malta u li dan ġa rranġa mal-Ministru Austin Gatt. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-kunsill għandu jibqa jinsisti li r-rotta għanda tibqa kif kienet qabel, għax jekk għandhom jiżdiedu rotot oħra, ma għandiex titneħħa dik tal-Fontana. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef irrimarka li l-Fontana mhux imniżżel fit-*timetable* il-ġdida tal-Arriva fid-direzzjoni Rabat-Xlendi. Is-Sur Micallef irrimarka wkoll li biex student mill-Fontana jinżel jagħmel *part-time job* tul ix-xhur tas-sajf fix-Xlendi, irid jitlaq mid-dar siegħa qabel. Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai qal li biex Transport Malta ddeċidew li jgħaddu l-volum tat-traffiku kollu t'Għawdex mill-Fontana ma jimpurtax imbagħad servizz pubbliku li ilu sa mill-bidu tat-twaqqif tiegħu jgħaddi mill-Fontana fid-direzzjoni tax-Xlendi għaddewh mill-Munxar. Is-Sindku qal li hu kellem lis-Sur Ruben Said, Transport Malta għal fatt li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat b'dan il-bdil fir-rotta tas-servizz pubbliku. li l-Kunsill għandu jibqa' jsostni li dan is-servizz ikun kif kien minn dejjem. Il-Membri tal-Kunsill qablu. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill joħroġ Stqarrija għall-Istampa biex turi li l-Kunsill ma jaqbilx ma' dan il-bdil fis-servizz pubbliku li qed ikun ta' detriment għar-residenti tal-Fontana. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Sar qbil unanimu wkoll li l-Kunsill għandu jikteb lil Transport Malta biex jinfurmah li ma jaqbilx ma' dan il-bdil fir-rotta u li l-Kunsill kien tal-fehma li s-servizz għandu jibqa' kif kien mingħajr ma joġġezzjona li jkun hemm servizz ġdid li jakkomoda lir-residenti tal-Munxar. Il-Viċi-Sindku ppropona wkoll, u l-Membri tal-Kunsill qablu, li ninfurmaw lil Transport Malta biex meta jkun ser ikun hemm xi diskussjonijiet dwar din ir-rotta, rappreżentanti minn tal-Kunsill għandhom ikunu preżenti għal din il-laqgħa.

3.2.10 MEPA - *Final Setting Out of Scheme Alignment* tal-Għajn tal-Loġoġ.

3.2.11 MEPA - Skedar ta' Propjetà – Il-Mitħna ta' Randu.

3.2.12 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinfurmaw li l-*Appraisal Report* u *Performance Bonus tas-Sur Joe Xiberras ġie approvat*.

3.2.13 Email mingħand is-Sur Guido Zammit, ETC biex jinforma li s-Sur Joscar Camilleri kien ġie referut biex jipparteċipa fl-iskema xogħol fil-komunita mall-Kunsill b'effett mit-Tnejn 14 ta' Mejju 2012. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li għal xi raġuni, dan għadu ma rraportax għax-xogħol fil-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef informa lill-Membri tal-Kunsill li riċentament hu kien qed jiġi mhedded u mgħajjar minn persuna anomima fuq is-sit eletroniku Facebook, u meta għamel rapport lill-pulizija ġie skopert min kien, il-pulizija ħadet il-passi kontriha u nstab ħati mill-qorti. Is-Sur Micallef qal li hu ma jħossx li hu ġust li din l-istess persuna tiġi u taħdem fl-istess Kunsill li tiegħu hu membru, ftit jiem biss wara li ngħatat is-sentenza. Għalhekk staqsa x'kienet l-opinjoni tal-Membri tal-Kunsill u jekk kellux l-appoġġ tagħhom u kif kienu jħossuhom huma stess jekk jgħaddu mill-istess sitwazzjoni li għadda minnha hu u l-familja tiegħu fl-aħħar xhur. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap wieġbu li ladarba kien hemm sentenza tal-qorti, ġa ħa ġustizzja u weħel multa; għalhekk li kien hu floku ma kienx iħeġġeġ aktar. Is-Sur Apap qal lis-Sur Micallef li hu kien lest li jidħol medjatur biex iġib ir-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

rikonċiljazzjoni bejniethom. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, il-Viċi-Sindku, is-Sur Tony Borġ u l-Kunsillier is-Sur Victor Cefai, ilkoll qablu mas-Sur Lorry Apap. Is-Sur Horace Micallef qal li għamel perjodu ta' sitt xhur iħossu imriegħed u jibża jersaq lejn il-kunsill. Hu qagħal li jittama li ma jkunx hemm xi Membru tal-Kunsill li jħeġġeġ aktar. Qal ukoll li wara d-diskussjoni kollha fuq it-tema, hu xorta kien għadu bla risposta għall-mistoqsija tiegħu u mingħajr appoġġ ta' sħabu l-kunsilliera; il-kontra ta' dak li hu kien ta meta mitlub minn kunsillier ieħor.

3.2.14 Ittra mingħand is-Segretarjat Privat tal-Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamentari biex jinfurmaw li l-Ministru rċieva l-ittra li ntbagħtitlu nhar it-8 ta' Mejju 2012.

3.2.15 Email mingħand Simon Grech, MEUSAC – *Visibility – MEUSAC's support in the application process of the EAFRD Funded project being implemented by Fontana Local Council*.

3.2.16 MEUSAC – Proposti għall-Proġetti relatati mal-Effiċjenza tal-Enerġija taħt il-Programm tal-Fond Ewropew għal Iżvilupp Reġjonali.

3.2.17 Widien Artna – Konferenza nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2012 rigward din l-NGO ġdida – Widien Artna.

3.2.18 Anton Zarb – Advert ta' *litter bins*.

3.2.19 Mydestination – email biex jikkonfermaw li l-ġbid tal-erbgħa ritratti $360^0$ ser isir nhar is-Sibt 16 ta' Ġunju 2012 fil-11.30a.m. Is-sindku ser jieħu ħsieb li jieħdu fil-postijiet.

3.2.20 Parroċċa Qalb ta' Ġesù – ittra mingħand il-Kappillan biex il-Kunsill jikkolabora mal-parroċċa fl-organiżazzjoni ta' FestaTfal 2012 u joffri s-somma ta' €170 biex ikopri għall-ispejjeż tal-animazzjoni ta' *bouncy castle* - *clown* u *face painting*. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba.

3.2.21 Email mingħand Clifford Vella rigward il-ktieb ġdid li għadu kemm ippublika bl-isem 'Leġġendi, Misteru u Għajdut mill-Gżejjer Maltin'. Il-Membri qablu lkoll li tinxtara kopja għall-librerija tal-Kunsill.

3.2.22 Email mingħand Joe M. Attard rigward il-ktieb ġdid li għadu kemm ippublika b'ġabra tal-poeżiji tiegħu. Il-Membri qablu lkoll li tinxtara kopja għall-librerija tal-Kunsill.

3.2.23 Email mingħand Sagħtar Magazine rigward il-ktieb ġdid li għadhom kemm ippublikaw bl-isem 'L-istejjer ta' Dexter – il-Pupu Baħri'.

3.2.24 Email mingħand Matthew Mamo ta' Sierra Books, rigward għażla vasta ta' kotba bil-Malti għat-tfal u żgħażagħ bi prezzijiet vantaġġjużi.

3.2.25 Diane Scerri, Green MT fejn talbet l-*Invoice for Maintenance Fee* għax-xahar ta' Jannar 2012. L-Aġent Segretarju nforma lill-Membri wara li kkonsulta Segretarju Eżekuttiv oħra, bgħatilha l-*Invoices* għax-xhur ta' Settembru – Diċembru 2011 u Jannar – 14 ta' Marzu 2012 rispettivament.

3.2.26 MEPA – Applikazzjoni tas-Sur Marco Attard *to shift official alignment to retain former foundation* fi Triq l-Isptar San Ġiljan.

3.2.27 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li rċivejna mingħand is-Sur Mario Galea, Galea Curmi Engineering l-istimi biex issir sistema ta' dwal fuq l-Għajn tal-Loġoġ kif ukoll fit-Taraġ li mit-Triq ta' Mulejja iwassal sa Tejqet wara l-Idjar. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament li għandha tinħareġ Sejħa għall-Kwotazzjoni biex isir dan ix-xogħol.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.28 Email mingħand is-Sur Brian Camilleri ta' Triq Mons. Mikiel Buttiġieġ biex jilmenta għal fatt li saret bozza tad-dawl fit-triq tiegħu, meta l-istess triq qiegħda fi stat ta' abbandun. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap astjena milli jieħu sehem fid-diskussjoni fuq din il-materja. Il-Membri l-oħra tal-Kunsill sostnew li dik il-bozza saret wara li l-Kunsill kien irċieva numru ta' lmenti li f'dik it-triq kien hemm ħafna dlam. Il-Kunsill irrimarka wkoll illi hemm deċiżjoni tal-Gvern Ċentrali li biex triq tkun tista' ssir bit-*tarmac*, 70% tat-triq trid tkun mibnija. Barra min hekk peress li għadha bla wiċċ hija responsabilta' tal-Ministeru għall-Għawdex.

3.2.29 Kunsill Lokali Sannat – Invit għan-*Notte Scarlata* li ser ikun qed jorganizza l-istess Kunsill nhar it-2 u t-3 ta' Ġunju 2012. Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai qal li hu kien ser jattendi u ser ikun qed jirrappreżenta lill-Kunsill.

**3.3 <u>Ilmenti</u>**

3.3.1 Ilment mis-Sur John Borg ta' 26, Triq ta' l-Għajn, Fontana, fejn qed jissuġġerixxi li ssir kaxxa fejn jistgħu jipparkjaw mutur jew tnejn fi Triq il-Qalb ta' Ġesù kif jispiċċa d-*double line* u dan għaliex il-mutur tiegħu ġieli sabu maqlub, jew imressaq għal fuq id-*double line* biex ikun jista' jipparkja l-karozza ħaddieħor. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lil Transport Malta dwar dan l-ilment.

3.3.2 Suġġeriment mis-Sur Mario Fenech ta' 43, Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana, biex tiġi rrestawrata n-niċċa u ssir statwa mal-istess msemmi post peress li l-istatwa ta' qabel kienet ġiet nieqsa. Il-Membri tal-Kunsill qablu li għandu jsir dan ix-xogħol. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha ssir statwa tal-Qalb ta' Ġesù, kif kien hemm qabel u li għandu jsir kuntratt ma' sid id-dar, l-istess bħal ma kien sar mas-Sur Teddy Curmi.

## 4. <u>*Fontana Fireworks Festival*</u>

4.1 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-kuntratti mar-rappreżentanti tal-Kmamar tan-Nar li ser jipparteċipaw f'dan il-Festival ġew finalizzati. . Semma li l-ġarr tan-nar minn Malta ser isir nhar is-Sibt 16 ta' Ġunju 2012 kmieni filgħodu, għalhekk irid jinstab trasport għal-fuq il-baħar. Dwar it-trasport f'Għawdex ser jsir min Joseph Muscat u s-sur Joe Mangion. u l-Kunsill għandu ukoll jieħu ħsieb li jordna xiikel u xorb għar-rappreżentanti tal-kmamar tan-nar li ser ikunu fostna biex jaħarqu n-nar. Rigward il-posters size A3, l-Aġent Segretarju semma li dawn ser jintbagħtu lill-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta Għawdex, lill-lukandi u *guest houses* ta' Għawdex, fil-każini tal-baned ta' dawk li ser jieħdu sehem, kif ukoll lil lukandi ewlenin ta' Malta u rigward il-posters Size A1, l-Aġent Segretarju semma li dawn ser jeħlu madwar Għawdex ġimgħa qabel il-festival u li l-*flyers* f'kull dar f'Għawdex ser jitqassmu mill-Maltapost fil-ġimgħa ta' qabel il-festival. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri li r-reklam fuq il-magazine *Let's Gozo* li ħareġ mal-gazzetta *The Sunday Times* ta' nhar l-20 ta' Mejju 2012, kien hemm ir-reklam tal-Fontana Fireworks Festival kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku semma li l-Insurance ser tiġi mħallsa mill-Kappillan bħala parti mill-Insurance tal-festa skond il-ftehim li kien sar miegħu mil-kumitat organizzattiv. Is-Sindku semma li s-Sur Mangion


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

issuġġerixxa li s-Sindku jagħmel kelmtejn tal-okkażżjoni u wara l-ewwel ftit ħruq ta' murtali, issir minuta silenzju u l-Kappillan jgħid talba għal dawk li mietu bit-traġedja tan-nar nhar il-5 ta' Settembru 2010, peress li dan ser ikun l-ewwel nar li ser jinħaraq fil-Fontana wara dik it-traġedja. Is-Sindku semma li ser ikun hemm tnax–il kamra tan-nar li ser ikunu qed jipparteċipaw f'dan il-festival. Sar qbil ukoll li jiġi mqabbad is-Sur John Cordina biex jittieħdu ritratti u video ta' dan il-festival.

4.2 Il-kmamar tan-nar li ħadmu x-xogħol għal dan il-Festival tan-nar huma:

- 25th November Fireworks Factory – Żejtun
- Eddie Ellul Fireworks Factory – Qrendi
- King George V Band Club
- Fireworks Association – Mqabba
- Lourdes Fireworks Factory – Qrendi
- Lourdes Fireworks Factory – Naxxar
- St Leonard Fireworks Factory – Kirkop
- St. Mary Fireworks Factory – Għaxaq
- St. Mary Fireworks Factory – Mosta
- St. Mary Fireworks Factory – Mqabba
- St. Michael Fireworks Factory – Lija
- Tal-Virtu Fireworks Factory – Għarb

## 5. Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku

5.1 Is-Sindku semma li dak in-nhar filgħodu ġew il-ħaddiema iwaħħlu l-balavostri biex b'hekk ingħalaq ix-xogħol ta' bini li kellu jsir fuq it-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Qal li għandna nqabbdu lil xi ħadd biex ikaħħalhom biex ma jkunux ta' periklu jekk xi ħadd imur iserraħ magħhom. Is-Sindku semma li rridu nixtru ħamsin metru madum tas-siment biex b'hekk inkunu nistgħu nirranġaw il-parti taz-zuntier li nkiser minħabba x-xogħol tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku semma wkoll li rridu nqabbdu lil xi ħadd biex ikun jista' jwaħħlu. Il-kunsill qabel li jitqabbad Tarċisju Xerri. Semma li dan ix-xogħol huwa diffiċli li jsir qabel il-festa. Rigward il-bażi tal-Monument tas-Sajjieda li għad baqa' fuq iz-zuntier, is-Sindku semma li kellimna lis-Sur Tarċisio Xerri li l-għodda biex jikrilna l-ġigger tiegħu biex inkunu nistgħu inkissru din il-bażi peress li ma sibniex nikru wieħed bħal ma kien isir is-soltu. Is-Sindku semma li l-Perit għadu m'għamel xejn rigward il-pjanta tad-dawl u l-ilma għas-servizzi fil-*public convenience* il-ġodda li ser ikunu aċċessibli mis-Sala tal-Kommunità u għalhekk issuċġġerixxa li fil-kas inkellmu lill-Inġinier Mario Galea biex jgħamlilna l-pjanta hu. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa jekk hux possibli, qabel il-festa, nirranġaw il-bankina li tgħaqqad maz-zuntier. Is-Sindku semma li ilu żmien ikellem lis-Sur Joe Xiberras mid-Direttorat għall-Iżvilupp u Proġetti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u talab lill-Viċi-Sindku, is-Sur Tony Borg, biex ikelmu hu ukoll. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef irrimarka wkoll biex issir forma ta' rampa biex telimina d-diżlivell bejn iz-zuntier u l-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri li ġiet

ordnata grada tal-ħadid iggalvanizzata biex tkun tista' tagħlaq is-*shaft* li hemm fl-istess binja.

**6. <u>Ħatra tal-Bord għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv</u>**

6.1 Il-Kunsill għadda għad-diskussjoni fuq ir-rapport li għamel il-Bord tal-Għażla għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-punti miksuba miż-żewġ kandidati eleġibbli huma li wieħed ġab 54.6 punt minn 100 punt, dan hu is-sur Jason Curmi, filwaqt li l-kandidata l-oħra, is-sinjorina Emma Grech irtirat l-applikazzjoni tagħha. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa jekk dak li ser ikun diskuss fuq din il-materja hux ser jitniżżel fil-minuti peress li din il-materja hi ta' natura kunfidenzjali. L-Aġent Segretarju wieġeb fl-affermattiv. Għalhekk il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef stqarrew li huma ma kienux ser jieħdu sehem fid-diskussjoni fuq din il-materja. Għalhekk is-Sindku, wara li kompla ġie diskuss ir-rapport tal-bord ta' l-għażla, ressaq mozzjoni u ġie issekondat mill-Kunsillier is-Sur Horace Micallef, ressaq mozzjoni biex jittieħed vot fuq ir-rapport li ħejja l-Bord tal-Għażla. Il-vot kien ta' 2 favur u 3 astensjonijiet. Il-vot kien hekk: favur kien hemm il-Viċi Sindku s-sur Anthony Borg u l-kunsillier is-sur Victor Cefai; kontra ma kienx hemm; waqt li is-Sindku is-sur Saviour Borg u l-kusilliera is-sur Lorry Apap u is-sur Horace Micallef astjenew. Għalhekk sar qbil li jiġi nfurmat id-Direttur tal-Gvern Lokali b'din l-għażla biex jittieħdu l-passi meħtieġa, u jinħatar is-sur Jason Curmi bħala Segretarju Eżekuttiv.

**7. <u>Approvazzjoni tal-*Management Letter*</u>**

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-*Management Letter* kif ukoll ir-risposta li kienet ġiet ippreparata minnu flimkien ma' Johanna Caruana, l-Accountant. Din ġiet approvata unanimament mill-Membri tal-Kunsill. Għalhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jibgħat din l-ittra qabel it-13 ta' Ġunju 2012.

**8. <u>Għoti tal-Offerti</u>**

8.1 Rigward is-Sejħa għall-Offerti FONQ04/2012: *To clear watercourse from accumulated debris and reinstatement of dry stone walls* (Proġett ko-finanzjat mill-Ministeru għal Għawdex taħt it-tieni skema tal-Eko-Għawdex). L-Aġent Segretarju nforma lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva 4 Offerti: Raymond Gatt (€59,904.00); Joseph Portelli (€54,800.00); Peter Paul Said (€58,200.00) u Nicky Saliba (€29,584.00). L-Aġent Segretarju qal li hu għadda l-istimi lill-perit biex ikun jista' jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu. Għal din il-parti tal-laqgħa kien preżenti l-Perit John Saliba biex jippreżenta r-rapport tiegħu dwar din is-sejħa. Il-Perit qal li mill-erba' offerti li ntefgħu, tlieta kienu fl-istess livell waqt li r-raba' waħda kienet baxxa ħafna. Qal li meta qabbel dawn l-istimi mal-istima li kien għamel, ir-raba' wieħed qiegħed baxx ħafna. Il-perit qal li dan ma kienx ġie għal *on site meeting* li kienet saret ma' dawk li kienu nteressati. Il-perit semma li l-kuntratturi l-oħra, meta ġew għal din il-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

laqgħa kienu ġew bl-ideja li hemmhekk it-tħammil ser isir b'*excavator* kbir meta ma hux il-każ. Il-perit qal li hu nfurmahom li hemmhekk ix-xogħol irid isir *b'excavator* żgħira, li l-Kunsill irid jieħu ħsieb jaqta' l-qasab, jiġu mmarkati iż-żoni ta' fejn ser isir it-tħammil u jinqabdu l-granċijiet. Għalhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemmhekk il-Kunsill għandu garanzija ta' €5,823.43 u għalhekk importanti li min ser jagħmel dan ix-xogħol jimxi skond ma hemm stipulat fil-permess. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma kkunsidra li ma jagħtix offerta għax irħisa ħafna u għalhekk kien hemm qbil li nikkuntatjaw lis-Sur Nicky Saliba biex naraw jekk hux lest li jaċċetta dan ix-xogħol, jekk iva, irid jagħmel dikjarazzjoni li ser jagħmlu skond l-istima li ssottometta. Jekk ma jaċċettax dan ix-xogħol, irid jagħmel dikjarazzjoni li hu qed jirrfjuta din l-offerta. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li x-xogħol jingħata lis-Sur Nicky Saliba u jekk dan jirrifjuta, il-Kunsill għandu jagħti din l-offerta lis-Sur Joseph Portelli li tefa' t-tieni l-irħas offerta. Il-Perit qal li dan ix-xogħol irid ikun lest sat-3 t'Awwissu u għalhekk sar qbil li l-Aġent Segretarju u l-Perit għandhom ikellmu lis-Sur Nicky Saliba biex jaraw x'ser tkun id-deċiżjoni finali tiegħu. Il-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borg staqsa jekk il-Kunsill għandux flus biżżejjed jekk ser jeħodha t-tieni wieħed. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ikollu joħroġ madwar €5,000. Il-Perit qal li hu kien ser jieħu ħsieb ikellem lil MEPA li x-xogħol ser jibda u ser jieħu ħsieb jibgħat l-applikazzjoni biex ikunu jistgħu jinqabdu l-granċijiet. Is-Sindku rrimarka wkoll li l-kuntratt mad-Direttorat tal-Eko-Għawdex għadu ma ġiex iffirmat għad li l-Kunsill ġa ħareġ is-sejħa għall-offerti u qiegħed fil-fażi biex jagħti l-Offerta u dan minkejja li ġejna infurmati li ikwalifikajna għat-tieni skema fil-bidu ta' Diċembru li għadda. Is-Sindku semma li jeħtieġ li tiġi ordnata tabella li dan il-proġett ser ikun ko-finanzjat mill-Ministeru għal Għawdex taħt it-tieni skema tal-Eko-Għawdex

8.2 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li ħarġu erba' offerti biex isir xogħol ta' tiswija tat-toroq bil-*hot asphalt*; biex isir it-tħammil u l-bini tat-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku; biex issir it-tieni fażi tal-proġett tal-passaġġ fuq stil rustiku fi Triq Wied Siekel; kif ukoll biex tiġi pprovduta ġebla tal-qawwi għal proġett tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Rigward din ta' l-aħħar, is-Sindku semma li peress li l-ġebla mhix ser tkun ta' l-istess ħxuna kif kienet ħarġet fl-ewwel sejħa għall-Offerti, hu kellem lill-Perit biex l-offerta tat-tqegħid tal-ġebla għandha torħos fil-prezz peress li issa l-ġebla m'għadhiex tal-istess ħxuna. Semma wkoll li l-Perit infurmah li ser ikun hemm iżjed ramel taħt il-ġebla. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap issuġġerixxa li jekk hemm din il-problema, ir-ramel jipprovdih il-Kunsill u l-offerta tat-tqegħid tal-ġebla tonqos fil-prezz. Il-Kunsill qabel.

## 9. <u>Mistoqsijiet</u>

9.1 Is-Sindku staqsa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jekk il-Kunsill Malti għall-Isports kienx bagħatt il-flus dovuti lill-Kunsill mill-Iskema għall-Attivitajiet Sportivi 2011. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv u għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa biex hu jibgħat *email* lil Onor. Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sports biex ifakkru f'din l-iskema. Il-Kunsill qabel.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa jekk nistgħux nirranġaw il-ħajt ta' maġend is-Sur Ġużepp Sacco, li qiegħed fil-periklu li jaqa' fi Triq il-Kardinal Alessandru Franchi. Ġie deċiż li nkellmu lill-Perit biex jagħmel stima tax-xogħol biex il-ħajt ikun jista' jitkompla bħal ieħor.

## 10. Approvazzjoni ta' Kontijiet

10.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-ċedola annessa.

## 11. Mozzjonijiet

11.1 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 12. Materji Oħra

12.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li Joe Mercieca, il-ħaddiem tal-Kunsill, ippreżentalu it-*time*-off li kien ħadem meta ried ixarrab il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll biex qgħad l-uffiċċju meta l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellu jattendi għal-laqgħat barra mill-uffiċċju. Dan jammonta għal 9 siegħat. Il-membri tal-Kunsill qablu.

12.2 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu flimkien mas-Sur Victor Cefai attendew għall-funeral ta' Sr. Celestina Cini li kienet ir-rebbieħa ta' Ġieħ il-Fontana 2012.

12.3 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li ġiet installata u bdiet tiffunzjona t-tieni sistema ta' enerġija alternattiva għall-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku li qed issir minn skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mill-fondi tal-Kunsill.

12.4 Is-Sindku nforma li kienet ġiet installata bozza kbira f'nofs Triq Mons Mikiel Buttigieg. Din saret mill-fondi tal-Kunsill.

12.5 Il-Viċi-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu kien attenda għal laqgħa tas-Sindki u l-Viċi-Sindki organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li saret fid-Dolment Hotel, il-Qawra.

12.6 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li nhar il-Ħadd 27 ta'Mejju 2012 saret il-ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Semma li din kienet tinkludi żjara l-*Bird Park* fis-Salina, il-Festival tal-Patata fil-Qrendi kif ukoll Marsaxlokk. Attendew 41 persuna, fosthom is-Sindku.

12.7 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li ħareġ il-*Compliance Certificate* mill-MEPA dwar ix-xogħol li sar f'Tarf Triq Għajn Tuta li jwassal sa Wied il-Lunzjata.

12.8 Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha tintbagħat ittra lid-Direttorat ta' Eko-Għawdex biex naraw meta kienu ser iħallsu lill-Kunsill taż-żewġ proġetti li kienu twettqu minn skemi li kien ħareġ l-istess Direttorat.

12.9 Is-Sindu semma li għandha ssir it-tiswija tal-*floodlights* li hemm madwar il-Knisja, kif soltu jsir ta' kull sena qrib il-festa. Il-Kunsill qabel.

12.10 Is-Sindku nforma li hemm parti mir-*railing* tal-Belveder fi Triq ta' Mulejja li trid tinqata' barra peress li issa sar it-taraġ li jwassal għal Trejqet ta' wara l-Idjar. Għandu jiġi imqabbad Pupull Attard li kien ħadmu.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

12.11 Is-Sindku semma li jeħtieġ li nordnaw il-bandiera tar-reġjun kif kien ġie deċiż f'waħda mill-laqgħat preċedenti. Il-kunsill qabel.

12.12 Is-Sindku ssuġerixxa li għandna nkellmu lil Perit Anġelo Portelli biex jagħmel stima ta' kemm tista' tiġi tiswa Triq il-Għajn, minn Pjazza Sant Wistin sa Triq il-Kappillan Ħili biex isir ir-*Resurfacing with Hot Asphalt*.

12.13 Il-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borg issuġerixxa biex issir il-laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Munxar rigward il-*Fun Dayi tax-Xlendi*. Il-Kunsill qabel.

12.14 Is-Sindku ssuġerixxa biex issir Ħarġa soċjo kulturali għal Ħal-Luqa u l-Qrendi, fl-okkażżjoni tal-festa ta' Sant Indrija u l-Madonna ta' Lourdes għal Malta nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju filgħaxija. Il-Kunsill qabel.

12.15 Il-Viċi-Sindku is-Sur Tony Borg staqsa jekk bħala Membri tal-Kunsill jistgħux jiktbu fil-fuljett li joħroġ il-Kunsill *Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek* fi żmien il-festa. Is-Sindku wieġeb li biex isir dan irid jinbidel l-istil tiegħu u ssuġerixxa li l-Kunsilliera jiktbu fil-ktieb li joħroġ fl-aħħar tal-Leġislatura. Għalhekk il-Viċi-Sindku staqsa jekk il-Membri tal-Kunsill jistgħux jarawh qabel jintbagħat għall-pubblikazzjoni. Il-Kunsill qabel.

12.15 Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai staqsa rigward il-ħarġa ta' Sqallija. Is-Sindku qal li din għandha ssir nhar il-Ħamis 5 ta' Lulju 2012. Informa wkoll li prezzijiet u l-prezz tal-*catamaran* għolew u għalhekk ssuġerixxa li l-Kunsill jagħmel forma ta' sussidju ta' €20 kull ras għar-residenti tal-Fontana. Il-Kunsill qabel.Il-kunsill qabel li jqabbad lis-sur Mario Spiteri biex iħejji programm bħal ma' għamel is-sena l-oħra

12.16 Is-Sindku qal li hemm bżonn nixtru żebgħa safra u bajda għas-sinjali tat-toroq. Dawn ser jinżebgħu mill-ħaddiema ta' l-IPSL.

12.17 Sar ukoll il-'Sar ukoll il-'*yellow line*' min Transport Malta fi Triq ta' Mulejja wara li kien hemm ilment tas-sur John Galea.

12.18 Kompla jiġi ukoll żarmat il-Monument tas-Sajjieda mis-sur Raymond Bonello.

12.19 Is-sindku qal li hemm bżonn isiru żewġ applikazzjonijiet lil Arms Ltd biex jinqala arblu tad-dawl ħalli tkun tista titkompla t-tielet fażi taċ- Ċentru Ċiviku, kif ukoll biex jiġi imċaqlaq meter tad-dawl li jinsab fi Pjazza l-Għejun. Dan l-meter irid jiġi rilokat min ħdejn l-Għajn ta' Bendu u jitpoġġa ħdejn l-Għajn il-Kbira biex ikun jista jiġi mixgħul ix-xelter tal-gwerra.

12.20 Il-minuti ta' din il-Laqgħa ġew ippreparati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Farrugia, u ippreżentati fil-Laqgħa tat-Tnejn 23 ta' Lulju 2012 mis-Sur Louis Stefan Magrin

Il-laqgħa spiċċat fit-8.40p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-21 ta' Ġunju 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Louis Stefan Magrin | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555